PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1799

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 124 tal-4 ta' Ġunju 2018 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN – KAŻIJIET PENDENTI**

**16. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-iSpeaker**: Jista' l-iSpeaker jgħid kemm ilmenti jinsabu pendenti quddiem l-Ombudsman?

**17. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-iSpeaker**: Jista' l-iSpeaker jgħid kemm ilmenti jinsabu pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman?

**18. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-iSpeaker:** Jista' l-iSpeaker jgħid kemm ilmenti jinsabu pendenti quddiem il-Kummissarju għas-Saħħa fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman?

**19. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-iSpeaker:** Jista' l-iSpeaker jgħid kemm ilmenti jinsabu pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman?

28.05.18

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia)**: Il-każijiet pendenti quddiem l-Ombudsman u l-Kummissarji fl-Uffiċċju tiegħu huma klassifikati

a) f'dawk li għadhom mhux qed jiġu investigati; u

b) oħrajn, fosthom dawk li għalkemm l-investigazzjoni tkun ġiet konkluża, tkun għaddejja ħidma biex ir-rakkomandazzjoni mogħtija tiġi implimentata.

It-total ta' ilmenti pendenti huwa ta' 279 maqsumin kif ġej-

| | Ilmenti li għadhom qed jiġu investigati | Investigazzjoni konkluża b'rakkomandazzjoni li għadha mhijiex implimentata |
|---|---|---|
| Ombusdman | 154 | 19 |
| Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar | 26 | 8 |
| Kummissarju għall-Edukazzjoni | 9 | - |
| Kummissarju għas-Saħħa | 50 | 13 |
| **Total** | **239** | **40** |

Seduta 124
04.06.18